# Il-Ħadd 26.11.2017

1. Illum 26/11, **Solennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu**:-
   - Fl-10:00am - Il-quddiesa tkun bis-sagrament tal-Magħmudija.
   - Fil-5:00pm - It-Talba tal-Għasar immexxija mill-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Venera.

2. It-Tlieta 28/11:
   - Fis-7:15pm jiltaqa' il-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

3. Il-Ġimgħa 1/12, **l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa Adorazzjoni.

4. Is-Sibt 2/12:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm - Laqgħa tal-Abbatini.

5. Il-Ħadd 3/12, **l-Ewwel Ħadd tal-Avvent**:
   ***N.B. Ġibu n-nuċċali li jgħinnkom taqraw u tiktbu għax ser tiġu bżonnu.***
   - Fit-8:15am - Quddiesa li fiha jsir it-Tberik tal-Girlanda li ser tgħinna biex nippreparaw ruħna għall-Miġja ta' Ġesù.

6. Avviżi oħra:
   - Mill-Ħamis 7/12 sal-Ħadd 10/12, fejn il-bieb tal-knisja, ser ikun hemm min ibiegħ ponsjetti u biljetti ta' lotterija li tittella' qrib il-Milied. Dan b'risq il-manutensjoni u l-proġetti prinċipali tal-knisja. Napprezzaw kull koperazzjoni.
   - Il-Ħamis 14/12: Filgħodu ser ikollna Ħarġa: inżuru l-knisja tal-patrijiet Kapuċċini ddedikata lil San Ġużepp Ħaddiem, ix-Xemxija, fejn ikollna Quddiesa, u wara *buffet lunch* f'lukanda l-Mellieħa. Tluq fid-8:45am u nkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 260 bħala ġabra speċjali li saret b'risq il-Fond tal-Iskejjel tal-Knisja;
   - € 10 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
   Grazzi.

8. Nitolbu għal Angela Dalli li għaddiet għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.
   Agħtiha o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...